Emendat u approvat mill-Junta Directiva
10 ta' Ġunju, 2006

**STATUT**

**CIRCULO CULTURAL HISPANO-MALTES**
**GĦAQDA KULTURALI SPANJOLA-MALTIJA**

1. L-isem uffiċjali ta' l-Għaqda huwa:
   Circulo Cultural Hispano-Maltes - Għaqda Kulturali Spanjola-Maltija.
   *Emenda: L-isem uffiċjali ta' l-Għaqda jsir* ***Fundazzjoni*** *jew* ***Istitut..*** *Dan għandu jsir wara parir ta' persuna esperta*

   1a. L-indirizz uffiċjali huwa: 18 A/5, Triq Mikiel Anton Vassalli, Valletta. VLT 13 Malta.

2. Għall-finijiet ta' dan l-iStatut, il-kelma **Għaqda** u / jew **Circulo** tfisser is-Circulo Cultural Hispano-Maltes - Għaqda Kulturali Spanjola-Maltija.
   *Proposta: Il-kelmie 'Għaqda/ Circulo' jinbidlu f'* ***Fundazzjoni/ Istitut***

3. Is-sigla (abbrevjazzjoni) ta' l-Għaqda hija **C.C.H.M.** L-istemma hija bħal dik li tidher fl-Appendiċi **A.** L-Għaqda jista' jkollha bandiera ta' kulur abjad, bit-tarf kulur id-deheb u l-istemma f'nofsha.
   *Proposta: L-abbrevjazzjoni tinbidel f'* ***F.C.H.M*** *jew* ***I.C.H.M.***

4. L-għanijiet ta' l-Għaqda, li hija apolitika, bla skop ta' qliegħ u għal kollox indipendenti huma:

   4a. Ġabra fi ħdanha ta' nies li jinteressaw irwieħhom fil-kultura Spanjola □ Maltija inġenerali.
   4b. Tkabbir tal-ħbiberija bejn il-Maltin u l-iSpanjoli.
   4c. Tixrid tal-kulturi Maltin u Spanjoli u bdil ta' dawn il-kulturi bejn iż-żewġ pajjiżi.
   4d. Tagħlim u tixrid tal-lingwa Kasteljana.

5. L-iStatut ta' l-Għaqda jinsab f' żewg verżjonijiet: waħda Maltija u oħra Spanjola. Il-verżjoni Maltija għandha tkun dik li torbot.

6. L-iStatut għandu jiġbor fih għadd ta' regoli li fuqu titmexxa l-Għaqda. Sabiex jinbidel jew jiġi emendat, tinħtieġ l-approvazzjoni tal-maġġoranza tal-membri preżenti waqt Laqgħa Ġenerali. Sakemm tingħata din l-approvazzjoni l-ebda deċizjoni ta' importanza ma għandha tittieħed b'riżultat ta' dawn l-emendi.

7. Flimkien ma' l-iStatut għandu jkun hemm **Vade Mecum** li jispjega jew jinterpreta l-artikli ta' l-iStatut.

   7a. L-artikli li jikkompilaw il-Vade Mecum jistgħu jiġu emendati jew miżjuda/imnaqqsa waqt laqgħa tal-kumitat, basta dawn ma jmorrux kontra l-ispirtu tal-iStatut u jkollhom l-approvazzjoni ta' 75% tal-membri tal-Junta Directiva.

   7b. L-artikli fil-Vade Mecum li jkunu miżjuda/mnaqqsa/emendati waqt laqgħa tal-kumitat għalkemm ikunu *in vigore,* ikunu jridu jitressqu għall-approvazzjoni tal-membri waqt il-Laqgħa Ġenerali li jkun imiss.

8. L-Għaqda jista' jkollha mhux iktar minn żewġ Patruni Onorarji.

9. L-Għaqda jista' jkollha Presidenti Onorarji

10. L-Għaqda għanda jkollha wkoll Direttur Spiritwali, Konsulent Legali u żewġ Awdituri.

11. Ir-rappreżentanza legali ta' l-Għaqda hija magħmula mill-President, Segretarju Amministrattiv u Teżorier ' *Ex Officio* '.

12. It-tmexxija effettiva ta' l-Għaqda hija fdata f'idejn il-Junta Directiva li tiġi eletta kull tliet snin u tkun komposta mill-membri li jintgħażlu/jiġu eletti mill-membri ta' l-Għaqda miġburin f'Laqgħa Ġenerali b'konformità ma' l-iStatut.

13. Il-membri kollha tal-Junta Directiva huma obbligati li jattendu għal-laqgħat ħlief f'każijiet skużabbli.

14. Kulma jsir u jingħad fil-Junta Directiva huwa meqjus bħala kunfidenzjali.

15. Huwa dmir tal-Junta Directiva li tmexxi u tamministra l-Għaqda skond l-iStatut u l-Vade Mecum.

16. Il-Junta Directiva għandha tiltaqa' b'mod regolari, mill-inqas kull xaharejn, preferibbilment kull xahar jew kull meta jitlob il-President jew membru tal-Junta Directiva.

17. Meta tkun tinħtieġ votazzjoni waqt laqgħa tal-Junta Directiva, din issir bil-miftuħ jew b'mod sigriet. Talba għal vot sigriet tista' issir anke minn membru wieħed.

18. Id-dħul fl-Għaqda huwa miftuħ għal kulħadd. Il-Junta Directiva għandha d-dritt tirrifjuta membru mingħajr ma tagħti raġuni.

19. Membru għandu jitqies bħala dik il-persuna li tkun konformi mal-ħlas u mar-regolamenti murija fl-iStatut u fil-Vade Mecum.

20. B' Laqgħa Ġenerali għandu jinftiehem: il-laqgha ta' kull sena ta' l-imseħbin kollha ta' l-Għaqda bl-għan speċifiku li jesprimu (permezz tal-fehmiet u/jew il-vot tagħhom), approvazzjoni, riforma jew twarrib eventwali, emendi u/jew żidiet ma' l-iStatut il-Vade Mecum. Flimkien ma' dan, huma għandhom iwettqu xi oħra bħala dmir li kull imsieħeb għandu jwettaq; bħall-approvazzjoni ta' nomini, il-kontroll tal-amministrazzjoni ekonomika u d-dettar tal-linji ġenerali tat-tmexxija, m'hu mitlub fl-artikli relattivi ta' l-iStatut u l-Vade Mecum.

21. Membru li jagħmel parti minn struttura uffiċjali/pubblika ta' partit, kandidat f'elezzjoni lokali jew ġenerali, impjegat ma' l-Ambaxxata Maltija jew Spanjola, kif ukoll mal-ministeri tal-Affarijiet Barranin Maltin u Spanjoli, ma jistax ikun membru tal-Junta Directiva.

22. F'każ ta' xoljiment ta' l-Ghaqda, l-assi kollha għandhom jiġu ffriżati. Ix-xoljiment jista' jseħħ wara sena mid-deċizjoni tax-xoljiment.

**GĦAQDA KULTURALI-SPANJOLA-MALTIJA**

**VADE MECUM TAL-ISTATUT**

VM 1. Meta l-isem ta' l-Għaqda jissemma' uffiċjalment, dejjem għandhom jitniżżlu ż-żewġ verżjonijiet, dik Spanjola u dik Maltija.

VM 2. L-indirizz uffiċjali għandu jkun dejjem dak approvat mill-Laqgħa Ġenerali u jkun dak li normalment jintuża għal-laqghat. Kull korrispondenza għandha tintbagħat f'dan l-indirizz.

VM 2a. Il-Junta Directiva tista' tapprova li korrispondenza partikulari tasal dirett f'indirizz ieħor, mhux dak uffiċjali. Il-membru tal-Junta Directiva għandu l-obbligu li fil-laqgħa tad-Directiva li jkun imiss, ipoġġi fuq il-mejda kull korrispondenza li jkun irċieva.

VM 3. Artikli fil-Vade Mecum jistgħu jiġu emendati/miżjuda jew imnaqqsa, basta dawn ikollhom approvazzjoni ta' 75% tal-membri tal-Junta Directiva.

VM 4. Dawn l-emendi jridu jgħaddu mill-laqgħa Ġenerali li jkun imiss.

VM 5. F'każ li għal xi raġuni taqbeż is-sena u dawn l-emendi ma jkunux imressqa biex jiġu approvati f'Laqgħa Ġenerali, dawn l-emendi jaqgħu.

VM 6. L-Għaqda jista' jkollha żewġ Patruni; possibbilment wieħed ta' Nazzjonalità Spanjola u ieħor ta' Nazzjonalità Maltija.

VM 7. Min-naħa spiritwali, preferibbilment, l-Għaqda għanda jkollha żewġ patruni spiritwali. Dawn huma Nuestra Senora del Pilar u Beato Vicente Sicluna Hernandez.

VM 8. In-numru ta' membri fil-Junta Directiva għandu jkun ta' mhux inqas minn ħamsa u mhux iżjed minn disgħa. Fil-każ ta' numru żewġ, jiġifieri sitt jew tmien membri, u fl-eventwalità li jkun hemm bżonn li tintalab votazzjoni, il-President għandu jżomm lura milli jitfa' l-vot tiegħu u għaldaqstant, ir-riżultat tal-votazzjoni jkun wieħed farradi.

VM 9. Jistgħu jiġu kkooptjati membri oħra biex jimtlew postijiet fil-Junta Directiva. Dan għandu jsir fuq talba ta' membru elett fil-Junta, b' approvazzjoni ta' 75% tal-membri tal-Junta Directiva preżenti. Dawn iridu jiġu approvati fl-ewwel okkażjoni ta' Laqgħa Ġenerali.

VM 9a. Biex laqgħa tal-Junta Directiva tkun valida, iridu jattendu mhux inqas minn 50% +1 tal-membri u fosthom ikun tnejn minn tlieta li jokkupaw il-karigi ta' President, Viċi President, Segretarju jew Teżorier. Il-laqgħa trid tiġi llimitata għall-aġenda li tkun ħarġet għal dik il-laqgha. F'każ li tkun b'aġenda miftuħa, il-laqgħa ma ssirx. Ma tistax tiġi ttrattata materja li l-persuna responsabbli minnha ma tkunx preżenti.

VM 10. Il-Junta Directiva għandha d-dritt, b' maġġoranza ta' 75% tal-membri tal-Junta, li tneħħi mis-sħubija, membru li jmur kontra d-dixxiplina ta' l-Għaqda

VM 11. Membru jista' jitneħħa mis-sħubija jekk:

VM 11a. Jikser il-kunfidenzjalità ta' dmiru.

VM 11b. Jitkellem u/jew jaġixxi b'mod mhux xieraq kemm moralment kif ukoll ċivilment.

VM 11c. Jiġi ddikjarat mill-Qorti li jkun ħati ta' xi reat.

VM 11d. Ripetutament jirrifjuta li jagħmel il-ħlas tiegħu tas-sħubija li jkun intalab li jagħmel dan bil-miktub.

VM 11e. Għal xi raġuni oħra li l-Junta Directiva tħoss fid-dmir li għandha tneħħi s-sħubija.

VM 12. Il-ħidma tal-membri tal-kumitat hija volontarja u bla ħlas.

VM 12a. Il-karigi fil-Junta Direttiva jintgħażlu mill-membri eletti fl-ewwel laqgħa tal-Junta wara l-elezzjoni.

VM 12b. L-għażla tal-karigi għandha ssir fl-iqsar żmien, preferibbilment mhux iktar tard minn xahar wara l-elezzjoni. Każijiet skużabbli huma mard serju u safar, iżda qatt m' għandu jdum iktar minn xaharejn.

VM12c. Iż-żmien minn meta jiġu eletti l-membri tal-Junta Directiva sal-ħatra tal-karigi, għandu jitqies bħala żmien ta' amministrazzjoni temporanja. F'dan iż-żmien, il-ħidma f'dan is-Circulo għandha tkun ordinarja u għaldaqstant m' għandhomx jittieħdu deċiżjonijiet ta' natura responsabbli u ta' impenn.

VM 12d. Waqt l-amministrazzjoni temporanja, jekk fost il-membri eletti jkun hemm min kien jokkupa l-karigi ta' President, Viċi-President, Segretarju, Teżorier jew *Head of Studies* fl-amministrazzjoni ta' qabel, dan għandu jkompli jagħmlu l-ħidma tiegħu b'mod regolari kif imniżżel f'artiklu VM 12c

VM 13. Il-President, Segretarju Amministrattiv, Teżorier u Direttur tal-iStudji ma jistgħux jokkupaw karigi konflinġenti m' assoċċjazzjonijiet jew entitajiet simili.

VM 14. Il-karigi ta' President, Viċi President, Segretarju Amministrattiv u Kaxxier ma jistgħux jiġu okkupati minn qraba viċini.

VM 15. Bi qraba viċini għandu jinftiehem: koppji, ulied u aħwa.

VM 16. Għandu jkun hemm Arkivju, i.e post li jissakkar fejn jiġu depożitati d-dokumenti tas-Circulo.

VM 17. Għandu jkun hemm kontroll fuq il-kotba, propjetà tas-Circulo, li jiġu mislufa waqt li jinżamm rekord ta' dan is-self.

VM 17a. Għanda tinżamm attenzjoni kontinwa u kontroll strett fuq kotba u dokumenti li ma jitħallewx joħorġu mill-premessi u li jiġu ntużati biss għal skopijiet ta' riċerka.

VM 18 Kemm jista' jkun m' għandux isir self ta' apparat propjetà tas-Circulo iżda jekk iċ-ċirkostanza titlob hekk, importanti li dan jiġi rrekordjat u jkunu mgħarrfa mill-inqas żewġ membri tal-Junta Directiva.

VM 19. Il-Laqgħat Ġenerali għandhom isiru kull sena, possibbilment bejn ix-xahar ta' Marzu u dak ta' Lulju.

VM 20. Fil-Laqgħat Ġenerali għandhom jinqraw il-minuti tal-laqgħa ta' qabel u r-relazzjonijiet mis-Segretarju Amministrattiv u mit-Teżorier għaż-żmien ta' bejn

Jannar u Diċembru. Jekk ikun hemm il-ħtieġa, għandhom jiġu approvati emendi għal Vade Mecum u l-iStatut. Fejn hemm il-bżonn, jiġu diskussi punti oħra mqajjma.

VM 21. Il-Laqgħa Ġenerali tista' tissejjaħ wara talba ta' 75% tal-membri tal-Kumitat jew fuq talba bil-miktub iffirmata minn 50% + 1 tal-membri li f'dak iż-żmien ikunu fuq ir-reġistru ta' l-Għaqda.

VM 22. Il-Laqgħa Ġenerali trid tiġi msejħa mhux anqas minn 45 ġurnata qabel.

VM 22a. F'każ li tiġi msejħa elezzjoni, il-Junta Directiva għandha toħloq sotto kumitat imsejjaħ "Kummissjoni Elettorali" magħmul mis-Segretarju, mit-Teżorier u minn membru ieħor biex jaċċettaw il-kandidati u jippreparaw għall-elezzjoni. Huma għandhom iressqu l-lista tal-kandidati għall-approvazzjoni f'laqgħa tal-Junta Directiva. Il-ħidma tal-Kummissjoni tieqaf mal-waqfien tal-Ammistraturi ta' l-Elezzjoni.

VM 23. Elezzjoni trid tiġi msejħa mhux inqas minn 45 ġurnata qabel il-jum ta' l-elezzjoni.

VM 23a. Nominazzjonijiet għall-kumitat jagħlqu 25 jum qabel id-data ta' jum l-elezzjoni, kif imħabbra f'ċirkulari li trid tasal għand il-membri mhux inqas minn 3 ijiem qabel id-data tal-ftuħ tan-nominazzjonijiet.

VM 23b. Jekk wara li jagħlaq iż-żmien għan-nominazzjonijiet, ikun hemm in-numru li jissodisfa l-iStatut, i.e. bejn 5 u 9 kandidati, ma ssirx elezzjoni, iżda jekk sa dak il-jum in-numru ta' kandidati ikun iżjed minn 9, issir elezzjoni.

VM 24. Kandidati għall-elezzjoni jrid ikollhom mhux inqas minn 18-il sena.

VM 24a. Ikunu ilhom membri mhux inqas minn sena.

VM 24b. Ikunu inregola mal-ħlas.

VM 24c. Aċċettati mill-Kummissjoni Elettorali skond kriterji stabbiliti.

VM.25. Kull kandidatura għall-elezzjoni trid tkun proposta minn membru u sekondata minn ieħor. Iż-żewġ membri jridu jkunu inregola mal-ħlas

VM 25a. Il-membri votanti fl-elezzjoni jridu jkunu inregola mal-ħlas

VM.26. L-Elezzjoni tkun immexxija minn tnejn jew tliet membri msejħa "Amministraturi ta' l-Elezzjonijiet" magħżula mill-membri preżenti qabel l-Elezzjoni.

VM 27. Il-Junta Directiva tkun magħmula minn dawn il-karigi:

VM 27a. F'każ ta' 9 membri eletti:

i. President,
ii. Viċi President u Promotur ta' Attivitajiet Kulturali, Segretarju Amministrattiv,
iii. Teżorier u Kustodju tal-lokal.
iv. Direttur tal-iStudji,
v. Koordinatur ta' Attivitajiet Soċjali,
vi. Assistent Segretarju,
vii. Assistent Direttur tal-iStudji, Librar u Editur tal-El Eslabon u Assistent Teżorier u inkarigat mill-Medja.

VM 27b. F'każ ta' 7 membri eletti:

i. President, Viċi President, Promotur ta' Attivitajiet Kulturali u Koordinatur ta' Attivitajiet Soċjali.
ii. Segretarju Amministrattiv.
iii. Teżorier u Kustodju tal-lokal
iv. Direttur tal-iStudji
v. Assistent Direttur tal-iStudji, Librar u Editur tal-El Eslabon
vi. Assistent Segretarju u inkarigat mill-Medja

VM 27c. F'każ ta' 5 membri:

i. President,
ii. Viċi President, Promotur ta' Attivitajiet Kulturali u Koordinatur ta' Attivitajiet Soċjali.
iii. Segretarju Amministrattiv u tal-Medja
iv. Teżorier u Kustodju tal-lokal
v. Direttur tal-iStudji
vi. Librar u Editur tal-El Eslabon jinħattru minn fost il-membri.

VM 27d. Dawn ir-responsabilitajiet għandhom jitqiesu bħala mezz ta' gwida. Dawn għandhom jitqassmu fost il-membri eletti skond il-ħtiega u l-abilitajiet ta' l-individwi.

VM 28. Fuq talba tal-President, sekondat minn membru ieħor tal-Junta Directiva, jistgħu jitbiddlu, jiżdiedu jew jitnaqqsu dawn il-karigi waqt żmien l-amministrazzjoni għal tmexxija aħjar ta' l-istess Junta Directiva.

VM 29. F'ċerti każi jistgħu jiġu amalgamati flimkien diversi karigi.

VM 30. President - Huwa d-dritt tal-President li jsejjaħ u jippresiedi l-laqgħat tal-Junta Directiva u tal-Laqgħa Ġenerali u Straordinarja, jirranġa bil-vot tiegħu (Casting Vote) sitwazzjonijiet ta' votazzjoni ugwali, li josserva l-andament tal-ħidma kif determinata mill-Laqgħa Ġenerali u mill-Junta Directiva, jiddikjara l-ftehim milħuq minn dawn, jirrisolvi d-dubji u d-differenzi li jistgħu jinqalgħu bejn il-membri tal-Junta, kummissjonijiet u ħatriet. Għandu jiftaħ, jissospendi u jaġġorna l-laqgħat tal-Junta, tal-Laqgħa Ġenerali u dik Straordinarja kif ukoll jirrappreżenta l-Għaqda.

VM 30a. Iż-żmien ta' President għandu jkun ta' mhux iżjed minn żewġ amministrazzjonijiet konsekuttivi.

VM 31. Il-ħidma tal-**Viċi President** hija li jissostitwixxi lill-President għal raġunijiet ta' assenza jew ta' mard. Huwa għandu l-istess attribuzzjonijiet tal-President. Fin-nuqqas tal-Viċi President, il-laqgħat tal-Junta Directiva jitmexxew minn membru magħżul mill-istess membri tal-Junta Directiva. Jekk il-laqgħa ma tiġix ippreseduta, din ma tkunx valida.

VM 32. **Is-Segretarju Amministrattiv -** Huwa x-xogħol u d-dmir tas-Segretarju Amministrattiv li jesegwixxi d-deċiżjonijiet meħuda waqt laqgħat tal-Junta Directiva, Laqgħat Ġenerali u Straordinarji li tagħhom iżomm il-minuti. Għandu jibgħat u jirċievi l-korrispondenza tas-Circulo. Huwa responsabbli ta' kull korrispondenza u għandu jara li din tinżamm fl-Arkivju. Huwa għandu jinforma b' ċirkolarijiet dwar kull attività tal-Għaqda u jirrappreżenta l-istess Għaqda.

VM 33. Kull korrispondenza, inkluża dik elettronika, għandha tintbagħat minn u lis-Segretarju. Din għandha tkun imqiegħda fuq il-mejda fl-eqreb laqgħa tal-Junta Directiva.

VM 33a. Is-Segretarju (jew fin-nuqqas tiegħu, il-Junta Directiva), jista' jiddelega membru ieħor tal-Junta Directiva biex jikteb xi ittri, iżda dawn dejjem għandhom isiru f'isem is-Segretarju filwaqt li l-oriġinal tal-korrispondenza għandha tgħaddi għand is-Segretarju.

VM 34. **It-Teżorier u Kustodju tal-Lokal** għandu jwettaq l-attività ekonomika u jżomm il-kotba tal-kontabilità, jikkontrolla l-infieq u d-dħul ta' flus, filwaqt li jżomm inventarju ta' l-assi kollha u jagħti sodisfazzjon ta' dan kollu lill-Junta Directiva u lill-Laqgħa Ġenerali u/jew meta jiġi mitlub biex jagħmel dan skond kif jitlob l-iStatut / Vade Mecum

VM 34a. Kull sitt xhur, possibbilment f' Ġunju u f'Jannar, jew meta jintalab li jaghmel dan, it-Teżorier għandu jgħarraf lill-membri tal-Junta Directiva bil-qagħda ekonomika ta' l-Għaqda.

VM 34b. Qabel kull spiża sostanzjali, it-Teżorier għandu jressaq baġit li jrid jiġi approvat mill-kumitat.

VM 34c. Bi spiża sostanzjali għandu jinftiehem: ammont li jaqbeż is-somma ta' 1,000 Euro.

VM 34d. Kull spiża li taqbeż 5,000 Euro għandha tiġi approvata mill-Laqgħa Ġenerali.

VM 34e. F'kull Laqgħa Ġenerali, it-Teżorier għandu jsemmi n-numru ta' membri fi ħdan is-Circulo.

VM 35. Iċ-ċekkijiet għandhom jiġu ffirmati minn tnejn minn tliet membri tal-Junta Directiva li huma: It-Teżorier, il-President u s-Segretarju. Huwa meħtieg li t-Teżorier ikun wieħed minnhom.

VM 36. It-Teżorier għandu jara li tinġabar il-miżata.

VM 36a. Il-miżata għandha dawn il-kategoriji:

| | | |
|---|---|---|
| i. | Membri Ad Vitam | 150 Euro |
| ii. | Membri u Sostenituri | 25 Euro |
| iii. | Membri Ordinarji | 10 Euro |
| iv. | Membri Studenti | |

Il-ħlas tas-sħubija ta' din is-sezzjoni għandu jkun bħal dak tal-membri ordinarji. Ma' dan l-ammont jiżdiedu wkoll l-ispejjeż ta' l-organizzazzjoni biex tipprovdi t-tagħlim b'mod effettiv lill-istudent/a membru. Tibdil f'dan il-ħlas għandu bżonn biss l-approvazzjoni tal-Junta Directiva fuq rakkomandazzjoni tat-Teżorier wara konsultazzjoni mal-Kummissjoni tat-tagħlim.

VM 37. L-Għaqda jista' jkollha Presidenti Onorarji. Il-Junta Directiva għandha tagħżel primarju fosthom. Dawn ma jħallsux miżata u filwaqt li jistgħu jattendu l-laqgħat tal-Junta Directiva, m'għandhomx id-dritt tal-vot.

VM 38. L-Għaqda jista' jkollha Membri Onorarji iżda dawn m' għandhomx jaqbżu t-tnax. Dawn ma jħallsux miżata.

VM 39. Il-ħlas għat-tiġdid tas-sħubija għandu jsir fix-xahar ta' Settembru.

VM 39a. Persuna li għal sentejn ma tħallasx il-miżata dovuta, jekk dan ma jkunx minħabba raġuni valida, għandha titneħħa mill-lista. Dan għandu jsir wara li jintbagħtu żewġ avviżi lill-membru kkonċernat f'dan ir-rigward. Id-deċiżjoni trid tittieħed mhux iktar tard mill-ewwel ta' Diċembru.

VM 40. It-Teżorier għandu jpoġġi l-membri ġodda quddiem il-kumitat, għall-approvazzjoni.

VM 40a. It-Teżorier għandu jgħarraf lill-kumitat bl-ismijiet ta' dawk il-membri li ma jkunux inregola mal-ħlas u jqiegħed quddiemu t-tneħħija ta' dawn il-membri għall-approvazzjoni.

VM 41. It-Teżorier bħala **Kustodju tal-Lokal** għandu jieħu ħsieb is-Sede billi jordna biex jissewwew xi ħsarat, li jsir it-tindif neċessarju u jagħmel l-ornamenti li jkunu meħtieġa. Huwa responsabbli għaċ-ċwievet tal-lokal u għandu jżomm lista tagħhom u għand min ikunu. Din il-lista għandha tkun fl-arkivju.

VM 42. Il-Viċi President għandu wkoll id-doveri ta' **Promutur tal-Kultura**. Huwa għandu jieħu ħsieb li jorganizza Attivitajiet Kulturali, jippresiedi u jirrappreżenta l-Għaqda f' laqgħat ta' dan it-tip. Huwa għandu jgħarraf lill-membri b'kull attività li jkun jixtieq jorganizza u flimkien mal-Kaxxier, bl-approvazzjoni tal-membri, ifassal baġit għal din l-attività. Huwa għandu jieħu ħsieb li jorganizza ħarġiet kulturali għall-pubbliku.

VM 43. **Id-Direttur ta' l-iStudji** għandu jieħu ħsieb is-sezzjoni tat-tagħlim billi jorganizza lezzjonijiet fil-lingwa Spanjola u jekk ikun il-każ, f'dik Maltija. Għandu jinkludi temi kulturali fil-*Curriculum* ta' l-iStudji i.e. ġografija, gastronomija u drawwiet tad-diversi provinċji Spanjoli.

VM 44. Għarfien bil-miktub (ċertifikati), għandu jingħata lil dawk l-istudenti li jkunu ddistingwew ruħhom f' eżami. Dan għandu jsir fuq rakkomandazzjoni tad-Direttur tal-iStudji u jiġi ffirmat mill-President u s-Segretarju.

VM 44a. Għandu jinżamm reġistru bl-istudenti li jkunu rċevew dawn iċ-ċertifikati.

VM44b. Għandu jinżamm reġistru bl-ismijiet ta' dawk kollha li jkunu rċevew borża ta' studju.

VM.45. Id-Direttur tal-iStudji għandu jipproponi żewġ persuni lill-Junta Directiva biex din tapprovhom, possibbilment fix-xahar ta' Frar. Dawn jgħinuh biex ifassal il-*curriculum* u jagħżel il-kotba meħtiega. Huma għandom jgħinu fil-ħidma u d-deċiżjonijiet tiegħu. Preferibbilment, wieħed minn dawn għandu jkun l-Assistant Direttur tal-iStudji. Dawn għandhom jagħmlu parti mill-*Kummissjoni tat-Tagħlim*.

VM 46. Id-Direttur tal-iStudji għandu jgħarraf lill-kumitat bil-programm imfassal qabel is-sena skolastika u jgħarrfu wkoll b'xi żviluppi li jinqalgħu.

VM 47. Id-Direttur tal-iStudji għandu jirrappreżenta l-Għaqda u jippresiedi attivitajiet ta' natura didattika.

VM 48. **Assistent Segretarju Amministrattiv** għandu jgħin lis-Segretarju Amministrattiv u jissostitwih fl-assenza tiegħu. Huwa għandu jieħu ħsieb li jqassam iċ-ċirkularijiet u l-Bulletin lill-membri.

VM 49. **Assistent Teżorier u inkarigat mill-medja** għandu jgħin lit-Teżorier u jissostitwih fl-assenza tiegħu. Huwa għandu jieħu ħsieb li jgħarraf lill-medja b' informazzjoni fuq attivitajiet ta' l-Għaqda.

VM 50. **Assistent Direttur tal-iStudji, Librar u Editur tal-El Eslabon** għandu jgħin lid-Direttur tal-iStudji u jissostitwih fl-assenza tiegħu. Għandu jagħmel parti mit-tim, jgħin bil-pariri tiegħu, jieħu ħsieb il-Librerija, jikkontrolla l-ħruġ u dħul tal-kotba u jippubblika l-Bulettin ta' informazzjoni lill-membri.

VM 51. **Koordinatur ta' Attivitajiet Soċjali** għandu jieħu ħsieb li jorganizza attivitajiet soċjali u flimkien mat-Teżorier joħloq baġit għal kull attività u jitlob l-approvazzjoni tal-Junta Directiva.

VM 52. Il-Junta Directiva tista' torganizza sotto kumitati jew sezzjonijiet fi ħdanha biex twessa' u tiffaċilita l-ħidma kulturali u akkademika tagħha. Dawn jiġu mmexxija minn xi membru tal-Junta Directiva jew delegat tagħha. Ir-responsabilità aħħarija hija tal-Junta Directiva.

VM 53. Il-Junta Directiva tista' tawtorizza lit-Teżorier biex jimpjega persuni biex tiġi ffaċilitata l-ħidma tas-Circulo. L-għażla u r-rinumerazzjoni tagħhom għandhom jiġu approvata mill-Junta.

VM 54. Jinħoloq premju ta' rikonoxximent ta' ħidma favur il-kultura Spanjola. Possibbilment dan jingħata lill-persuni ħajjin u mhux lil dawk li jitħallsu biex jagħmlu il-ħidma msemmija. Dan ir-rikonoxximent għandu jissejjaħ; "Premio Vicente Azzopardi", ad unur Chev. Vincent Azzopardi, Ko-fundatur ta' l-Għaqda.

VM 55. F'każ ta' nuqqas ta' ftehim, il-kumitat jista' jitlob l-għajnuna ta' xi persuni ta' integrità biex bil-ħila tagħhom iħollu xi nuqqas ta' ftehim li jkun inħoloq.

VM 56. Biex isir xoljiment ta' l-Għaqda, irid ikun hemm kunsens ta' 80% tal-membri tal-Junta Directiva u trid titlaqqa' Laqgħa Ġenerali Straordinarja li fiha jrid jinkiseb il-kunsens ta' 80% li jattendu.

VM 56a. F'każ li ma jkun hemm ħadd li jkun irid jieħu r-responsabbiltà lill-Junta Directiva biex din tapprova d-deċiżjoni, għandu jintgħażel Prokuratur u żewġ awdituri. F'każ li l-awdituri ma jaċċettawx, għandhom jintgħażlu żewġ persuni ta' fiduċja biex jissalvagwardjaw l-interessi ta' l-Għaqda.

VM 56b. Id-dokumenti finanzjarji kollha u l-inventarju tal-propjetà tas-Circulo għandhom jgħaddu għand dawn iż-żewġ persuni, li huma meħtieġa jinfurmaw permezz tal-membri firmatarji.

VM 56c. L-assi kollha li jappartjenu għall-Għaqda għandhom jiġu ffriżati sakemm fl-Laqgħa Ġenerali jiġi deċiż jekk l-Għaqda għandhiex titkompla (f'liema każ għandu jsir kumitat ġdid biex imexxi), jew jekk tiqafx tiffunzjona.

VM 56d. Jekk sa sena mill-Laqgħa Ġenerali li tkun iddeċidiet li xxolji l-Għaqda, ma jkunx intlaħaq ftehim, il-Prokuratur u l-assistenti tiegħu jibdew il-proċess ta' xoljiment.

VM 57. Il-proċess ta' xoljiment isir wara li f'sena jkunu saru mhux inqas minn tliet tentattivi biex l-Għaqda terġa tibda tiffunzjona.

VM 58. F'każ li jfalli kull tentattiv biex l-Għaqda terġa' tibda taħdem, jibda l-proċess ta' xoljiment li jikkonsisti f'dan li ġej:

VM 58a. F'każ ta' djun, jinbiegħu l-ħwejjeg li jkun hemm u jitħallsu minnhom dawk il-kontijiet dovuti lill-membri.

VM 58b. Bi ħlasijiet lill-membri huwa esklużi ħlas għal servizzi fit-tmexxija ta' l-Għaqda, għaliex dan għandu jsir b'mod voluntarju.

VM 58c. Wara jsiru l-ħlasijiet lil dawk il-persuni li ilhom l-aktar biex jitħallsu.

VM 58d. Jekk jibqa' flus, dawn għandhom jingħataw lid-Dar tal-Providenza, is-Siġġiewi.

VM 59. F'każ li l-Għaqda ma jkollhiex djun, l-assi tagħha għandhom jiġu mqassma hekk:

VM 59a. Id-dokumenti kollha għandhom jiġu mogħtija lill-Librerija Nazzjonali.

VM 59b. L-Għamara u l-flus depożitati għandhom jingħataw lid-Dar tal-Providenza, is-Siġġiewi.